MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Numru. 519/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Valletta u Spettur Therese Sciberras)**
**versus**

**Anthony Vella**

Il-Qorti
Rat
L-imputazzjonijiet maghmula kontra Anthony Vella ta ' 34 sena iben Joseph u Pawla nee Azzopardi mwieled Pieta' nhar it-12 ta' Gunju 1970 u residenti Rowly No 166 Triq Mons.Portelli Pembroke detentur tal-karta ta' l-identita' 268870 (M)

a) Billi huwa akkuzat talli fdawn il-Gzejjer nhar il-21 ta' Gunju, 2004 ghall-habta tas-7.00 a.m. ta' filghodu iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat u cioe' tentattiv ta' omicidju volontarju, b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

b) U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess data u cirkostanzi halef il-falz quddiem magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament, liema gurament kien mehtieg mil-ligi jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' wahda mill-qrati ta' Malta;
c) U aktar talli, f'dawn il-Gzejjer, nhar il-25 ta' Mejju, 2000 ghall-habta ta' 1-10.00 ta' filghaxija iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat u cioe' sekwestru tal-persuna aggravat b'offiza fuq il-persuna bi strument li jaqta' u bil-ponta kif ukoll b'theddid bil-mewt b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;
d) U aktar talli f dawn il-Gzejjer nhar is-7 ta ' Gunju 2000 ghall-habta ta' 1-10.00 ta' filghaxija iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat u cioe' tentattiv ta' offiza gravi u permanenti fuq il-persuna, b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat ikun sar;
e) U aktar talli fil-perjodu ta' bejn il-21 ta' Gunju 2004 u x-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:
(i) Iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat u cioe' uzu mhux sew ta' sistema jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;
(ii) Uza xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamilt uzu minnu mhux sew;
f) U aktar talli fdawn il-Gzejjer nhar il-21 ta' Gunju, 2004 kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
Rat l-atti kollha tal-process;
Rat il-verbal tas-27 t'Ottubru, 2004 li fih l-imputat ammetta milll-ewwel l-imputazzjonijiet migjuba kontrih. Il-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni kif ukoll tatu cans bizzejjed biex jahsibha.

Wara li ghadda z-zmien moghti lilu l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

Galadarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontrih, l-imputazzjonijiet gew ippruvati skond il-Ligi.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 17(f), 18, 31, 108, 110(2) tal-Kap 9,1-artikolu 13 tal-Kap 66 kif ukoll l-artikolu 35 (1)(d) tal-Kap 399 issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, jigifieri (a), (b), (c), (d), (e),(f).
Fuq il-piena l-Qorti kkonsidrat li l-imputat ghandu fedina penali nadifa, l-ammissjoni tassew bikrija tieghu kif ukoll ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif attestati minn dokument ipprezentat mill-Avukat Difensur seduta stante.
Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli msemmija precedentement u hadet in konsiderazzjoni dak li ghadu kif kien espost fil-paragrafu precedenti, qeghda tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' prigunerija ta' tmien (8) xhur sospizi ghal sentejn kif ukoll ghall-multa ta' Lm325 (tliet mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija). Il-multa tista' tithallas fi zmien xahrejn mill-lum u fin-nuqqas ta' hlas tkun konvertita f'jum prigunerija ghal kull Lm5 (hames liri Maltin) li jibqghu mhux imhallsa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------